# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 11

Data tal-laqgħa: 21 ta' Frar, 2025

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Frar 2025 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
| --- | --- |
| Sindku | Helen Gauci |
| Viċi Sindku | Francesca Attard **(SKUŻATA)** |
| Kunsillieri | Mariah Meli<br>Christopher Fenech<br>Marilena Hassan |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Jeanette Galea |

Il-laqgħa bdiet fil-5:30p.m. billi ntqalet it-talba.

### 11/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**11/01/01** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan il-Kunsill kien irċieva ittra t'apoloġija mingħand il-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard, sabiex tiġi skużata minn din il-laqgħa minħabba li kienet tinsab imsiefra.

**11/01/02** Il-Kunsilliera approvaw din l-ittra b'apoloġija.

### 11/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**11/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Fuq proposta tas-Sa Mariah Meli, sekondata mas-Sa Helen Gauci, kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti numru 10.

**11/02/02** Id-DSE infurmat kif hi kienet ser tagħti aġġornamenti fil-qosra dwar punti li kienu mqajma fil-laqgħa preċedenti.

**11/02/03** Id-DSE għamlet referenza għat-talba mill-Kunsill sabiex Triq Xx issir *one way* bejn is-6:30 u d-9 ta' filgħodu. Hi spjegat kif, fuq is-suġġeriment tal-Perit Conti, il-Kunsill talab laqgħa mas-Sindku u s-Segrertarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Din il-laqgħa inżammet nhar it-Tlieta 21 ta' Jannar 2025, fejn is-Sindku informa li mhux ser ikun qed jaċċetta din it-talba u lanqas mhu ser ikun hemm lok ta' prova. Din id-deċiżjoni ġiet komunikata lura lil Perit Conti fejn hi spjegat li din il-problema trid tiġi indirizzata bejn iż-żewġ Kunsilli kkonċernata.

**11/02/04** Il-Kunsill qabel li tintalab laqgħa mal-Perit Conti.

**11/02/05** Id-DSE infurmat lill-Kunsilliera kif fuq talba li kienet saret sabiex jitranġa l-ħsara li kienet saret minn att ta' vandaliżmu fil-Ġnien ta' *Top of the World*, kien ġie irrappurtat lil Pulizija kif ukoll saret talba lid-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi sabiex dan jitranġa. Hi qalet ukoll kif ix-xogħol beda jsir fil-bidu ta' dik il-ġimgħa.

**11/02/06** Id-DSE infurmat lill-Kunsilliera dwar it-talba li kienet ġiet imressqa sabiex Triq Luigi Catania, Għargħur (quddiem il-Mużew tas-Subien) tiġi *pedestrianised*. Hi spjegat kif bħala Kunsill intbagħtu ittri lir-residenti f'dawn l-inħawi sabiex jinfurmawhom dwar din il-proposta u ingħataw iċ-ċans li jgħatu l-opinjoni tagħhom sa nhar l-Erbgħa 12 ta' Frar 2025.

**11/02/07** Id-DSE żiedet tgħid kif il-Kunsill kien irċieva diversi ittri dwar din il-proposta u kien hemm talba mir-residenti sabiex tinżamm laqgħa mal-Kunsilliera. Kien hemm qbil li din il-laqgħa kienet ser tinżamm wara din il-laqgħa tal-Kunsill u għal din ir-raġuni kien hemm qbil sabiex din it-talba għalissa tiġi reveduta wara li tinżamm il-laqgħa mar-residenti.

**11/02/08** Għal fini ta' aġġornament fil-minuti, id-DSE għamlet referenza għat-talba ta' laqgħa li kienet ġiet imressqa mir-residenti ta' Triq Żagħruna u Triq iż-Żellieqa. Hi spjegat kif wara li kienet inżammet din il-laqgħa mar-resident, il-Kunsill kien qabel li ma kienx hemm lok ta' oġġezzjoni peress li s-sit jaqa f'żona li tistà tiġi żviluppata u ma kinitx fil-qalba tar-raħal. Għal din ir-raġuni, ir-residenti ġew infurmati b'din id-deċiżjoni.

**11/02/09** Id-DSE għamlet referenza għal "PA/00158/25 – Tax-Xwieki Park, Triq Giovanni Gafà c/w Triq Gaspare Formica, Għargħur - Biex tirriġenera plott vakanti fi spazju aħdar pubbliku, li jinkorpora siġar u arbuxelli ġodda, mogħdijiet aċċessibbli, żoni bilqiegħda, tagħmir tal-logħob tan-natura, ġiri ta' ostakli (OCR), ġibjun taħt l-art, passaġġ elevat u xelter tal-karozzi tal-linja aġġornat."

**11/02/10** B'referenza għal dan il-permess, id-DSE spjegat kif kienet inżammet laqgħa ma' Project Green nhar il-Ħamis 13 ta' Frar, fejn għaliha kienu preżenti s-Sindku flimkien mad-DSE u s-Sa Mariah Meli (onlajn). F'din il-laqgħa ġie spjegat il-proġett u spjegaw kif dwar il-*bus stop* kienu qed jistennew tweġiba lura mingħand TM peress li dan ilu snin ma jintuża u kif lanqas karozza tal-linja ma kienet għadha tgħaddi minn hemm.

**11/02/11** Id-DSE spjegat kif jekk kollox imur kif suppost, il-permess jinħareġ u is-sejħa tintrebaħ mingħajr problemi, dan il-proġett għandu jibda f'Lulju li ġej. Il-manutenzjoni kollha hija responsabilità ta' Project Green u z-żona ser tkun imħarsa minn *CCTV Cameras* permezz ta' l-Aġenzija LESA.

**11/02/12** Id-DSE infurmat kif wara li kienet ġiet nieqsa l-Avukata Tanya Sciberras Camilleri, l-Avukat Darren Carabott ser ikun qed jieħu ħsieb il-każijiet tagħha mill-kumpanija Valletta Legal. Hi spjegat kif għal din ir-raġuni, hi kienet bagħtet emejl biex inkunu nafu l-kliem eżatt li jrid jiġi miżjud fil-kuntratt fuq is-*Search Light Battery* kif ukoll intalbet direzzjoni dwar Sqaq l-Imnieqa, Ħal Għargħur. Ir-risposta mingħand Dott. Carabott dwar dan l-Isqaq ġiet iċċirkulata mal-Kunsilliera.

**11/02/13** Id-DSE infurmat lill-Kunsilliera kif il-marki tal-*parking bays* fi Vjal ir-Republika kienu saru mill-kuntrattur tal-Kunsill.

**11/02/14** Id-DSE aġġornat lill-Kunsilliera dwar il-vakanza ta' Part Time Clerk Skala 15, fejn sad-data tal-għeluq ma kien hemm l-ebda applikazzjoni mis-sejħa interna. Għal din ir-raġuni, hi kienet infurmat lid-Diviżjoni għal Gvern Lokali u lill-Jobsplus dwar dan u Jobsplus kienu għaddew l-

lista ta' kandidati eleġibli nhar it-Tlieta 18 ta' Frar 2025 u dawk interessati għandhom ċans iresqu l-interess tagħhom permezz ta' emejl sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 28 ta' Frar 2025.

**11/02/15** Id-DSE qalet kif peress li l-Kunsill kien diġa beda jirċievi l-applikazzjonijiet, f'din il-laqgħa kellu jiġi deċiż bord sabiex jinżammu l-intervisti wara d-data ta' l-għeluq. Kien hemm qbil sabiex is-Sindku tkun iċ-*Chairman* u l-Kunsilliera kollha ser ikunu preżenti fuq il-bord.

**11/02/16** Il-Minority Leader, is-Sa Meli, staqsiet fuq punt number 10/03/08 fejn il-Kunsilli kien qabel li jiġu avviċinata l-awtoritajiet ikkonċernata dwar il-problema li l-Kunsill ma jsibx uffiċċjali meta jkun hemm bżonn li tingħalaq xi Triq minħabba permess ta' xogħol.

**11/02/17** Is-Sindku infurmat kif din il-laqgħa għadha ma nżammitx u ser tkun qed tinforma lill-Kunsilliera meta TM jgħatu data u ħin. Sadanittant il-Kunsill ser jibqa jimxi mal-liġi u l-permess għal-għeluq ta' toroq isir permezz ta' uffiċċjali minn TM u LESA.

**11/02/18** Peress li ma kienx hemm aktar aġġornamenti dwar il-minuti preċedenti, il-Kunsill ipproċeda għall-*item* li kien imiss fuq l-aġenda.

## 11/03 Komunikazzjoni mis-Sindku

**11/03/01** Is-Sindku, is-Sa Helen Gauci, infurmat lill-Kunsilliera dwar *football tournament* li qed jiġi organiżżat mill-Kunsill Reġjonali Lvant flimkien man-*nurseries* li jinsabu fir-Reġjun nhar is-Sibt 26 t'April 2025.

**11/03/02** Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera dwar il-festa ta' San Bert tat-tfal li tiġi organiżżata mill-iskola tal-Primarja nhar l-Erbgħa 28 ta' mejju 2025. Is-Sa Gauci spjegat kif din l-attività tinżamm kull sena. Hi qalet ukoll kif għal dan il-għajn, il-Kap ta' l-iskola tablet sabiex issir laqgħa mal-Kunsill Lokali flimkien mal-għaqda tal-banda u ma' l-għaqda ta' l-armar nhar it-Tlieta 25 ta' Frar 2025.

**11/03/03** Is-Sindku ressqet talba li hi kienet irċieviet minn resident sabiex issir *sleeping policeman* fi Triq Santa Katarina. Is-Sindku spjegat il-post eżatt fejn u kif dar-residenti qed isirbu diffikulta biex joħorġu mid-dar minħabba li hemm *blind corner*.

**10/03/04** Din it-talba ġiet milquha mill-Kunsilliera preżenti u għal din ir-raġuni l-Kunsill ser ikun qed jibgħat ittra lir-residenti ta' din l-akwata sabiex iġib l-approvazzjoni qabel mal-Kunsill ikun jistà jipproċedi bit-talba.

**11/03/05** Is-Sindku infurmat dwar talba oħra mingħand residenti oħra li joqgħodu Triq Antonio Zammit sabiex isir bin bej ir-residenti li jgħixu hemm sabiex il-borża taż-żibel ta' l-organic tittpoġġa fih u tiġi mbattla mill-kollettur ta' l-iskart. Dan peress li dawn il-boroz qed jitqattaw mill-qtates.

**11/03/06** La kien hemm qbil bejn ir-residenti, il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**11/03/07** Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera kif it-tberik ta' l-annimali din is-sena ser ikun qed jinżamm nhar il-Ħadd 18 ta' Mejju 2025, wara li din ġiet ikkonfermata mal-Kapillan.

**11/03/08** Is-Sindku għamlet referenza għal Karnival u għall-avveniment li kien qed jiġi organiżżat mill-Kunsill permezz tal-fondi li kienu nkisbu mis-Segretarjat Parlamentari għal-Gvern Lokali flimkien mad-Diviżjoni għal Gvern Lokali. Is-Sa Gauci spjegat li kellhom isiru xi tibdiliet fil-programm oriġinali minħabba li l-karru biż-żeffiena li kellu jiġi, kellu jikkanċella. Għal din ir-

raġuni, is-Sa Gauci spjegajt kif dakinhar ser ikun hemm il-Big Friends Guggen Musik Malta, kif ukoll il-Fun Bus u Trampoline għat-tfal. Is-Sa Gauci qalet ukoll kif waqt dan l-avveniment ser ikunu qed jiġu evalwati l-kompetizzjonijiet.

## 11/04/04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**11/04/01** Is-Sa Hassan staqsiet dwar jekk kienx hemm aġġornament fuq it-talba li kienet ressqet dwar nuqqas ta' dawl li kien hemm fi Triq il-Ġnien.

**11/04/02** Id-DSE infurmat li għadha ser tagħmel din it-talba.

**11/04/03** Is-Sa Meli staqsiet jekk kienx hemm risposta mingħand TM dwar it-talbella tas-*sleeping policeman* li kienet viċin ta' gallarija t'appartament fi Triq Caravaggio.

**11/04/04** Is-Sindku infurmat kif TM kien spjega kif it-tabella trid tkun distanza ta' 25 jew 50 metru 'l bogħod mis-*sleeping policeman* u kif il-problema hi li ma hemmx alternattiva fejn din tistà titpoġġa pero ser tkun qed terġa tmur *on site* biex naċċertaw jekk hemmx post alternattiv.

**11/04/05** is-Sa Mariah qalet ukoll kif fl-istess Triq kienet ġiet avviċinata minn residenti oħra dwar iz-zebra crossing li hemm u li tiġi użata ħafna mill-ġenituri u tfal li jkunu sejrin lejn l-iskola. Hi spjegat li ma hemm l-ebda tabella li turi li hemm *zebra crossing* u lanqas dawl speċjalment għal kmieni filgħodu.

**11/04/06** Is-Sur Chris Fenech issuġġerixxa li din tkun bis-sistema solar, jekk tkun possibli.

**11/04/07** Is-Sa Mariah għamlet referenza mill-ġdid għal Triq Caravggio u spjegat li peress li kienet għadha kif saret it-Triq riċentament, ir-residenti talbu li jsiru is-sinjali tat-toroq ma' l-art peress li tkun perikoluża.

**11/04/08** Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera li l-Impact Assessment fi Triq Santa Katarina ser ikun qed isir wara li jkun għaddha l-Karnival.

**11/04/09** Is-Sa Mariah ressqet talba sabiex issir laqgħa mal-Kunsill Reġjonali Lvant kif ukoll mal-Kunsill Reġjonali ta' Tramuntana biex forsi ikun hemm assistenza għal *risk assessment* li qed jiġi impattat fuq il-lokalità peress li ninsabu bejn żewġ Reġjuni.

**11/04/10** Is-Sa Meli ressqet talba dwar l-akwata ta' Triq il-Balal u Triq ix-Xwieki fejn riċentament kienet saret *zebra crossing* u t-Triq djieqet. Għal din ir-raġuni ħi talbet sabiex il-Kunsill jara ra jekk TM tistax terġa tirrevedi din l-akwata sabiex din tkun *one way*.

**11/04/11** Is-Sur Fenech ġibed l-attenzjoni li jekk it-traffiku ser idur, wieħed irid joqgħod attend li ma jkunx hemm periklu. Għal din ir-raġuni kien hemm qbil li din il-problema tiġi ndirizzata lil TM.

**11/04/12** Is-Sa Meli staqsiet għall-aġġornament fuq it-talba li kienet ressqet sabiex issir *bus shelter* fi Triq tal-Balal.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**11/04/13** Id-DSE infurmat li din kienet qed tistenna direzzjoni u ser tkun qed tikkomunika lura mal-Kunsill kif ikun hemm risposta.

**11/04/14** Is-Sa Meli resqet talba mingħand residenti fi Triq San Nikola sabiex issir sleeping police fil-bidu nett ta' din it-Triq peress li l-karozzi li jgħamlu użu minn din it-Triq qed jinżlu b'veloċità kbira u l-ispleeping policeman li hemm fil-preżenti għandha bżonn manutenzjoni.

**11/04/15** Is-Sindku infurmat li l-uffiċċju ser jieħu ħsieb jibgħat ittri lir-residenti ta' din l-akwata sabiex jaraw li hemm approvazzjoni.

**11/04/16** Is-Sa Meli għamlet referenza fuq Sqaq Charlotte fejn residenti qed ikollhom problemi biex jinġabar iż-żibel li jinħareġ peress li l-isqaq jidjieq. Kien hemm diskussjoni qasira dwar dan u l-Kunsill qabel li l-ewwel għandhom isibu kompromess ir-residenti li joqgħodu hemm peress li *piling* taż-żibel ma jistax isir.

**11/04/17** Is-Sa Meli tat aġġornament dwar dati important, fosthom il-logħba tal-football li ser tinżamm nhar il-Ġimgħa 28 ta' Frar 2025. Semmiet ukoll il-Blood Donation Unit li ser tkun qed iżżur il-lokalità ta' Ħal Għargħur nhar il-Ħadd 9 ta' Marzu 2025 fi Triq l-Oratorju u kif, fl-istess ġurnata, ser ikun hemm ukoll Pjazza Familja. Is-Sa Meli spjegat li Festa Familja mhux ser tkun qed issir f'April peress li ser ikun hemm diġa hafna avvenimenti għaddejjin fil-lokalità relatata ma' l-Għid. Żiedet tgħid ukoll kif fl-edizzjoni ta' Mejju ser ikunu qed jiġu rappreżentanti mill-Esplora pero dettalji dwar dan ser jingħataw aktar 'il quddiem. Is-Sa Meli infurmat ukoll kif nhar is-17 ta' Mejju ser tkun qed tinżamm *Kayaking Event* għal familja.

**11/04/18** Is-Sa Meli infurmat lill-Kunsill Lokali li d-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi għadhom għaddejjin b'diskussjonijiet interni dwar il-ħitan li sar maġemb il-ħitan tas-sejjieħ. Infurmat ukoll dwar il-WSC dwar il-bollards li kienu mpoġġija f'nofs tat-Triq u mtajrin mill-karozzi ser ikunu qed jitpoġġew oħrajn ġodda fil-ġranet li ġejjin.

**11/04/19** Is-Sa Meli ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill qed jaħdem b'kuntrat tad-dawl skadut u għaldaqstant ipproponiet sabiex tinħareġ sejħa ġdida għal dan ix-xogħol.

**11/04/20** Is-Sa Meli talbet jekk kienx hemm aġġornament dwar it-talba sabiex il-Kunsill Lokali jġib student mill-MCAST biex jgħin fix-xogħol klerikali u *customercare.*

**11/04/21** Is-Sa Galea spjegat kif hi kienet għamlet kuntatt mas-Sur Gabriel Borg minn MCAST nhar it-Tlieta 4 ta' Frar fejn hu kien spjega li biex student ikun fir-*reception* u jgħin fix-xogħol klerikali, l-aħjar ikun ġej mill-Business and Commerce. Spjegat ukoll kif l-istudenti huma mitluba li jgħamlu *apprentice work* għal perjodu ta'sentejn fejn tiġi maħluqa vacancy mill-Kunsill u huma jkunu jistgħu japplikaw umbad isiru l-intervisti mill-Kunsill u titkompla l-proċedura normali. Bħal Kunsill irid iħallas rata ta' kull siegħa. €1.43 kull siegħa jekk l-istudent huwa fl-ewwel sena, €1.50 kull siegħa jekk l-istudent qiegħed fit-tieni sena, u €2 jekk l-istudent qiegħed fit-3 sena. Id-differenza jħallasha l-Gvern biex huma jkollhom il-*minimum wage* fix-xahar.

**11/04/22** Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera preżenti sabiex il-Kunsill japplika għal din l-iskema.

**11/04/23** Is-Sur Chris Fenech talab sabiex it-tabella ta' l-*isleeping policeman* li tinsab Triq San Gwann titneħħa peress li din kienet tneħħiet u t-tabella ma baqax użu għaliha.

**11/04/24** Is-Sa Mariah Meli talbet aġġornament fuq it-tabelli ta' informazzjoni sabiex jitpoġġew quddiem binjiet storiċi madwar Ħal Għargħur.

**11/04/24** Id-DSE infurmata li hi għandha bżonn lista ta' liema binjiet għandhom bżonn dawn it-tabelli kif ukoll kif it-tabelli għandhom ikunu bħala diżinn sabiex tkun tistà tapplika għal fondi mill-MTA. Hi spjegat ukoll li bħala *procurement* ikun irid isir mill-Kunsill Lokali.

**11/04/25** Is-Sur Chris Fenech fakkar li kien hemm tabella ta' quddiem il-knisja li kienet pendenti minħabba x-xogħolijiet li kienu qed isiru, sabiex issa din titpoġġa ladarba x-xogħolijiet kienu lesti, mal-faċċata tal-Knisja.

**11/04/26** Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera li l-Perita li kellha tkun preżenti sabiex isiru t-toqob għall-arbli tal-festi inbidlet. Hi infurmat li ser ikun qed issir laqgħa nhar it-Tlieta 4 ta' Marzu 2025, fid-9 ta' filgħodu mal-Kunsill u mal-kumitat ta' l-armar.

## 11/05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet

**11/05/01** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsilliera dwar emejl mingħand resident li joqgħod fi Triq Luigi Catania, minħabba l-uffiċċjali li qed ikun hemm mill-LESA sabiex ikun jistà joħroġ mir-residenza tiegħu minħabba li din it-Triq kienet ġiet *one way*.

**11/05/02** Kien hemm li d-DSE tinforma lis-Sur Flores sabiex il-gwardjani li jkunu preżenti filgħodu minħabba l-iskola jaraw ukoll li jedukaw lin-nies.

**11/05/03** Id-DSE infurmat li l-lista ta' permessi maħruġa mill-Awtorità ta l-Ippjanar kienu ntbagħtu għall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**11/05/04** Id-DSE għamlet referenza għal Ċirkulari numru 1/2025 maħruġa mid-Diviżjoni għal Gvern Lokali dwar tibdil fl-iskeda ta' pagamenti. Madanakollu, hi nfurmat ukoll kif ftit tal-ġranet wara, din kienet ġiet sospiża peress li kien hemm bżonn ta' diskussjonijiet.

**11/05/05** Id-DSE infurmat lill-kunsilliera preżenti dwar l-iskemi finanzjarji li kienu ġew imħabbra mid-Diviżjoni għal Gvern Lokali u ġibdet l-attenzjoni dwar id-dati ta' l-għeluq ta' kull skema. Għal din ir-raġuni, il-Kunsill qabel li jrid jiltaqà u jiġu meħuda d-deċiżjonijiet sabiex isiru l-preparamenti neċessarji.

**11/05/06** Id-DSE infurmat lill-kunsilliera preżenti dwar email mingħand residenta dwar żona li l-Kunsill kien għalaq pero wara xi xogħolijiet li kienu saru riċentament fi Triq Caravaggio, din kienet reġgħet infetħet.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**11/05/07** Is-Sindku spjegat kif hi nfurmata dwar il-problema li dawn ir-residenti kellhom peress li l-ħaddiema li kienu qed jgħamlu x-xogħolijiet kienu għaddew xi *wires* minn ġol-kanal. Hi spjegat li l-Kunsill irid isegwi jekk dan l-iżball kienx tranġa.

**11/05/08** Id-DSE infurmat lill-kunsilliera dwar ċirkulari li kienet maħruġa mill-AKL dwar kors bażiku li kien qed jiġi offrut għall-ħaddiema li huma taħt l-iskema CIES. Hi spjegat li din ma tgħoddx għal dan il-Kunsill peress li ma kienx hemm ħaddiema taħt din l-iskema.

**11/05/09** Id-DSE għamlet referenza għall-korrispondenza oħra li dan il-Kunsill kien irċieva rigward tabella ta' Bus Stop fi Triq Caravaggio li ma kelliex sinjali ma' l-art fejn tieqaf il-karozza tal-linja. Kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jinforma lil TM sabiex ir-*road markings* ta' din il-bus stop issir ukoll.

**11/05/10** Id-DSE infurmat lill-Kunsilliera kif dan il-Kunsill irid jawtorizza lid-DSE sabiex apparti li tkun firmatorja flimkien mas-Sindku fil-kontijiet bankarji tal-kunsill Lokali Ħal Għargħur tingħata wkoll l-approvazzjoni sabiex ikollha aċċess għat-24x7 internet banking ukoll.

**11/05/11** Il-Kunsilliera approvaw li s-Sinjura Galea tingħata l-awtorizazzjoni sħieħa.

**11/05/12** Id-DSE infurmat dwar komunikazzjoni li l-Kunsill kien irċieva mingħand id-Diviżjoni għal Gvern Lokali dwar siti storiċi li għandhom bżonn restawr. Hi spjegat kif għal din l-applikazzjoni, ġew imsemmija s-Semaphore Tower kif ukoll ix-Shelter. Hi qalet ukoll kif id-data ta' l-għeluq kienet immedjata u għalhekk riedet tintbagħat qabel din il-laqgħa.

**11/05/13** Id-DSE infurmat ukoll dwar il-laqgħa li kienet inżammet bejn il-Kunsilliera wara li l-Kunsill kien ġie avviċinat minn residenti ta' Sqaq l-Imnieqa fejn il-Kunsill kien qabel li mhux ser ikun qed jgħamel oġġezzjoni peress li ż-żona mhijix oġġezzjoni. Hi qalet ukoll kif kien hemm qbil li tingħata direzzjoni mill-avukat tal-Kunsill, liema direzzjoni kienet ġiet iċċirkulata.

## 11.6 GLC/02/2024 – Sejħa għal Servizz ta' Accountant għal Kunsill Lokali tal-Għargħur

**11.6.1** B'referenza għal din is-sejħa, id-DSE infurmat kif din kienet ġiet konkluża. Il-kumpanija Borg Galea & Associates aċċettat dan il-kuntratt. Hi spjegat kif nhar il-Ħamis 6 ta' Frar 2025, hi flimkien ma' Helen kienu iltaqgħu mas-Sur Roderick Galea flimkien mal-persuna li ser tkun qed taħdem dirett fuq dan il-Kunsill. Ġew infurmati dwar ir-rapporti li jridu jsiru mill-aktar fis possibli. Ser tkun qed tiġi msejħa laqgħa b'urġenza ġaladarba dawn ir-rapporti jkunu lesti.

**11/6/2** Marbuta mal-Finanzi, id-DSE infurmat kif fuq talba tagħha kienet inżammet laqgħa mad-Direttur tal-Finanzi u Procurement, is-Sa Clare Bugeja, nhar it-Tlieta 18 ta' Frar 2025 sabiex tispjega l-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill u dwar ir-raġuni għalfejn ir-rapporti finanzjarji ma kienux ser jiġu sottomessa sad-data ta' l-għeluq.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**11.7 GLC/03/2024 – Sejħa għal Resurfacing ta' Triq Għaxqet L-Għajn inkluż l-installazzjoni ta' Dawl u Bankijiet bl-Użu ta' Materjali u Prattiċi favur l-Ambjent**

**11/7/1** B'referenza għal din is-sejħa, id-DSE infurmat kif wara li din ingħalqet, id-dokumenti taż-żewġ offerti ġew mgħoddija lill-Perit tal-Kunsill għal kummenti tiegħu. il-bord kompost minn Helen Gauci, Francesca Attard, Mariah Meli u Marilena Hassan fil-preżenza tad-DSE iltaqgħu nhar l-Erbgħa 19 ta' Frar 2025 biex dan jiġi diskuss. Madanakollu waqt l-evalwazzjoni l-Perit tal-Kunsill għamel rimarka fuq l-area u li dan irid jiġi rivedut.

**11/7/2** Wara diskussjoni qasira dwar dan il-Kunsill iddeċieda biex jikkonsulta sabiex jaraw kidf il-Kunsill għandu jimxu dwar dan.

**11.8 Għażla ta' Rappreżentant f'GAL Majjistral**

**11/8/1** Id-DSE infurmat lill-Kunsilliera preżenti kif ahar it-Tnejn 27 ta' Jannar 2025 is-Sa Mariah Meli kienet ressqet ittra ta' riżenja mill-bord tal-GAL Majjistral. Dan għaliex il-pożizzjoni ġdida tagħha fix-xogħol huwa ta' kunflitt. Għal din ir-raġuni, il-Kunsill għandhu bżonn rappreżentant ieħor.

**11/8/2** Is-Sa Marilena Hassan offriet li tattendi għal dawn il-laqgħat f'isem il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur u għal din ir-raġuni, id-DSE ser tkun qed tinforma lill-GAL Majjistral dwar dan.

**11/09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**11/09/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda.

**11/09/02** Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**11/10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**11/10/01** Il-laqgħa spiċċat fis-18:31p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis 20 ta' Marzu 2025 fil-5:30p.m.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Helen Gauci**<br>**Sindku** | **Jeanette Galea**<br>**Deputat Segretarju Eżekuttiv** |